MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru 169/2008

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
Vs.
Alfred Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 665250(M) li hu akkuzat talli:

1. fl-24 ta’ Lulju 2007 u fix-xhur ta’ wara din id-data, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza hi dik ta' ricettazzjoni u l-fatti saljenti jirrisultaw mill-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-Pulizija. Oltre dan hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu.

Rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------